A.L. 358 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – fil-Mediterranean Agro-Ecosystems Management taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - in Mediterranean Agro-Ecosystems Management taħt l-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - in Mediterranean Agro-Ecosystems Management;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - in Mediterranean Agro-Ecosystems Management; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2005 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, barra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita', ikunu għaddew fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata bi grad D jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika, jew ikollhom id-Diploma in Agriculture ta' l-Universita' ta' Malta.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 kredtu, li minnhom 12-il kredtu huma assenjati għad-dissertazzjoni.

6. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għall-Grad, imfassal skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvat mis-Senat, fil-bidu ta' kull Kors. Bl-approvazzjoni tas-Senat, fil-każ li l-Bord ikun kostrett jagħmel xi tibdiliet, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju.

7. Fi kwalunkwe sena tal-Kors, l-istudenti ma jistgħux jirreġistraw għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 60 kredtu, ħlief jekk huma jkunu meħtieġa jirreġistraw għal taqsimiet studju riferuti skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

L-Għoti tal-Grad

8. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-Kors, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) Il-Grad jista' jingħata flimkien ma universita' oħra skond il-provvedimenti ta' ftehim li jista' jkun approvat mis-Senat.